**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 151(2) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mar-Regola 19(2)(a) tar-Regolament Nru 2868/95;

— Ksur tar-Regola 19(2)(a)(ii) u (3), kif ukoll tar-Regola 20(1) tar-Regolament Nru 2868/95;

— Ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' non-retroattività

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2016 – PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-849/16)**

(2017/C 038/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* PGNiG Supply & Trading GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Jeżewski, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar emendi għall-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni mill-obbligu li jiġu applikati ċerti rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni għall-pipeline tal-gass OPAL;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erbatax-il motiv.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali u evalwazzjoni żbaljata tal-att promotur tal-proċedura dwar l-emenda għall-eżenzjoni preċedenti tal-pipeline tal-gass OPAL mill-obbligu li jiġu applikati ċerti rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, mogħtija fl-2009 permezz ta' deċiżjoni tar-regolatur tal-enerġija Ġermaniż, il-Bundesnetzagentur.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza fl-għoti ta' deċiżjoni li temenda l-eżenzjoni tal-pipeline tal-gass OPAL mill-obbligu li jiġu applikati ċerti rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjoni ta' eleġibbiltà għall-eżenzjoni tal-infrastruttura tal-gass fl-Artikolu 36(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(17) tad-Direttiva 2009/73/KE.

   — Skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2009/73/KE, eżenzjoni tista' tingħata biss fil-każ ta' interkonnetturi, faċilitajiet ta' LNG u faċilitajiet ta' ħżin. Madankollu, "interkonnettur" huwa linja ta' trażmissjoni li taqsam jew hija mxerrda fuq fruntiera bejn Stati Membri għall-uniku skop li tgħaqqad is-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali ta' dawn l-Istati Membri.

   — Il-pipeline tal-gass OPAL ma huwiex "interkonnettur" peress li dan jingħaqad mal-pipeline Gazelle li jgħaddi mit-territorju Ċek u huwa għalhekk pipeline tal-gass ta' tranżitu, li jittrasporta l-gass miġbur minn OPAL lura lejn il-Ġermanja.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjoni ta’ eliġibbiltà għall-eżenzjoni tal-infrastruttura tal-gass fl-Artikolu 36(1)(b) moqri flimkien mal-Artikolu 2(33) tad-Direttiva 2009/73/KE.

   — Il-kundizzjoni għall-għoti ta’ eżenzjoni regolatorja għal infrastrutturi maġġuri ġodda tal-gass hija li l-livell tar-riskju marbut mal-investiment huwa tali li l-investiment ma jsirx kemm-il darba ma tingħatax l-eżenzjoni regolatorja.

   — L-investiment għall-kostruzzjoni tal-pipeline tal-gass OPAL sar u tlesta finalment fit-13 ta’ Lulju 2011 u, għalhekk, ma jistax jingħad li hemm xi riskju ulterjuri bħal dan.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjoni ta’ eliġibbiltà għall-eżenzjoni tal-infrastruttura tal-gass fl-Artikolu 36(1)(a) u (e) tad-Direttiva 2009/73/KE u, konsegwentement, il-konstatazzjoni li l-emenda tal-eżenzjoni regolatorja tal-pipeline tal-gass OPAL ma taffettwax ħażin il-kompetizzjoni fis-suq tal-gass.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjoni ta’ eliġibbiltà għall-eżenzjoni tal-infrastruttura tal-gass fl-Artikolu 36(1)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE u, konsegwentement, il-konstatazzjoni li l-emenda tal-eżenzjoni regolatorja tal-pipeline tal-gass OPAL ittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-gass fis-suq intern.

7. Is-seba’ motiv ibbażat fuq in-nuqqas tal-Bundesnetzagentur li jieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 102 TFEU fl-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni fis-sens tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73/KE.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta’ ċertezza legali u ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

9. Id-disa’ motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

10. L-għaxar motiv ibbażat fuq trattament favorevoli tal-infrastruttura li hija s-suġġett tal-eżenzjoni, li l-istatus tagħha huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

11. Il-ħdax u t-tnax-il motiv ibbażati fuq ksur, rispettivament, tal-Artikolu 274 u tal-Artikolu 254 tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra.

12. It-tlettax-il motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7 TFUE bl-adozzjoni ta’ deċiżjoni li tmur kontra l-politiki tal-Unjoni Ewropea.

13. L-erbatax-il motiv, fis-sens tal-Artikolu 277 TFEU, ibbażat fuq l-invalidità tal-Artikolu 2(33) moqri flimkien mal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2009/73/KE, sa fejn dan jintroduċi arbitrarjament distinzjoni diskriminatorja bejn infrastruttura koperta mill-eżenzjoni regolatorja u infrastrutturi oħra li ma humiex eliġibbli għal tali eżenzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta’ Novembru 2016 – QE vs Eurojust**

**(Kawża T-850/16)**

(2017/C 038/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* QE (Gouvy, il-Belġju) (rappreżentanti: T. Bontinck u S. Cherif, avukati)

*Konvenut:* Eurojust